MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1315/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Nico Zammit ta' 19 il-sena, bin Terry Agius u Louise xebba Cassar, imwieled Pieta` nhar id-9 ta' April, 1993, residenti 31, Flat 18, Lion Street, Florianau detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 170193M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

(i) Ikkommetta serq ta' handbag a detriment ta' Mary Muscat liema serq huwa aggaravat bil-hin.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi kkopera mal-pulizija, irritorna r-resfurtiva u hallas il-flus mehuda indebitament minnu u l-fatt illi l-imputat ghandu problema fil-vizzju tad-droga li ghandha tigi indirizzata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(e) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zimen sentejn mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------